# QORTI CIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMHALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 23 ta' Ottubru, 2018**

**Numru 5**

**Rikors Numru 1118/06 TA**

**Fl-Atti tac-Cedola ta' Depozitu numru 923/2006 ta' V.P.J. Limited (C-11812) fl-atti tas-Subbasta Numru 60/2006 fl-ismijiet:**

**Malta Shipyards Limited**

**vs**

**Il-Bastiment ZEBBUG**

**KONKORS TAL-KREDITURI TAL-BASTIMENT ZEBBUG**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq minn Malta Shipyards Limited fid-19 ta' Ottubru 2006 (a` fol 9) permezz ta' liema talbet lill-Qorti tawtorizzaha tizbanka s-somma ta' tlett mija u tnejn u sebghin elf, mitejn u tlieta u disghin liri Maltin u disgha u sebghin centezmu (LM372,293.79) mill-ammont ta' sitt mija u ghaxart elef liri Maltin (LM610,000) depozitati fic-Cedola ta' Depozitu numru 93/2006 liema ammont jirraprezenta r-rikavat mill-bejgh

b'subbasta tal-bastiment ZEBBUG lis-socjetá V.P.J. Limited. Skont is-Socjetá Malta Shipyards Limited, dan l-ammont li qed titlob li jigi zbankat jirraprezenta kreditu dovut lilha bil-mod kif gej:

- is-somma ta' LM345,220, oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv, valur ta' fornituri, xoghlijiet, riparazzjonijiet u servizzi esegwiti u moghtija fuq l-istess vapur ZEBBUG. Dan il-kreditu gie kanonizzat permezz ta' decizjoni moghtija fit-28 ta' Gunju 2006 mill-Prim' Awla fl-ismijiet Malta Shipyards Limited vs Bastiment ZEBBUG cit numru 536/2006 LFS.
- LM4,961.58 drittijiet u spejjez gudizzjarji skont it-taxxa mahruga mill-Qorti oltre l-ispejjez tal-Mandat ta' Impediment tas-safar numru 933/2006 u l-Mandat ta' Qbid numru 932/2006.

Skont is-Socjetá Malta Shipyards Ltd, l-ammonti minnha reklamati igawdu minn plegg possessorju fuq il-Bastiment ZEBBUG u preferenza fuq ir-rikavat mill-bejgh bis-subbasta ta' l-istess bastiment ai termini ta' l-artikolu 54 tal-Att dwar Bastimenti Merkantili (Kap 234);

Rat id-digriet taghha a` fol 11 li bih ordnat lis-Socjetá Malta Shipyards Ltd tipprocedi skond il-ligi taht l-artikolu 416(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan wara li rat ir-risposta tas-Socjetá Bank of Valletta plc intavolata fis-17 ta' Ottubru 2006;

Rat ir-Rikors imressaq mis-socjetá **Malta Shipyards Limited (C-32345)** fit-28 ta' Novembru 2006, li permezz tieghu talbet li jinfetah il-Konkors tal-kredituri tal-bastiment intimat sabiex ir-rikavat provenjenti mill-bejgh tal-istess, kif depozitat taht l-awtoritá tal-Qorti bic-Cedola fuq imsemmija, jkunu jistghu jittiehdu minn min jisthoqqlu skont il-ligi;

Rat l-Avviz tas-smigh tal-Konkors ippubblikat fil-harga tal-Gazzetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar 2007 (a` fol 15);

Rat ir-rikors imressaq minn **Carmel u Eucharistica konjugi Azzopardi** fil-5 ta' Frar 2007 (a` fol 16) li permezz tieghu talbu li jithallew jikkonkorru ghas-somma li l-Qorti Civili Prim' Awla giet mitluba tillikwida fi proceduri (rikors guramentat numru 518/2006AF) kontra s-socjetá Sea Malta Co Ltd;

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali (a` fol 642) fejn gie dikjarat mid-difensur legali tal-konjugi Azzopardi li dawn ma ghadhomx jikkonkorru billi l-kawza taghhom giet ceduta fil-konfront tas-Sea Malta stante ftehim;

Rat il-kopja tan-Nota prezentata bhala Dok RGD a` fol 1256 prezentata fir-rikors guramentat numru 518/2006 minn Carmelo u Eucharistica konjugi Azzopardi permezz ta' liema cedew il-kawza "stante transazzjoni u pagament a saldu";

Rat ir-Rikors prezentat fil-5 ta' Frar 2007 (a` fol 17) **minn hamsa u erbghin (45) bahhara li kienu jiffurmaw parti mill-ekwipagg ta' MV**

**Zebbug** permezz ta' liema talbu li jithallew jikkonkorru ghas-somma dovuta lilhom msemmija fl-istess:

- Kreditu privileggjat fuq l-imsemmi bastiment ta' LM1,043,876 inkluz l-imghax legali sad-data tal-pagament effettiv. Dan il-kreditu gie kanonizzat permezz ta' decizjoni moghtija fis-6 ta' Gunju 2006 mill-Prim' Awla fis-sentenza Emmanuel Azzopardi et vs Sea Malta Co ltd cit nru 112/2006JRM;

- Kreditu ta' LM29,722.06 rapprezentanti:

    - LM1220.13 spejjez u drittijiet u LM137.46 VAT fuq id-drittijiet rigward il-kawza moghtija fis-6 ta' April 2006 mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet Emmanuel Azzopardi et vs Sea Malta Co. limited cit numru 49/2006 GV;

    - LM25,737.07 spejjez u drittijiet u LM2,627.40 VAT fuq id-drittijiet rigward il-kawza Emmanuel Azzopardi et vs Sea Malta Co Limited moghtija fis-6 ta' Gunju 2006 cit numru 112/2006 JRM;

Rat id-digrieti ta' din il-Qorti moghtija fit-18 ta' Jannar, 2018 (minn a` fol 1257 sa fol 1301) permezz ta' liema gew milqugha r-rikorsi mressqa fl-10 ta' Ottubru 2017 mill-Ministru tal-Finanzi sabiex jassumi l-atti ta' din il-kawza f'kull drittijiet u pretensjonijiet pretizi fl-imsemmi rikors prezentat fil-5 ta' Frar 2007 mill-hamsa u erbghin (45) ekwipagg u bahhara ta' MV Zebbug (a` fol 17 tal-process);

Rat ir-rikors imressaq mis-socjetá **Bank of Valletta p.l.c.** fis-6 ta' Frar 2007 (a` fol 19) permezz ta' liema talab li jithalla jikkonkorri ghas-somma hemm pretiza u cioè s-somma ta' zewg miljuni, erba' mija u sitta u tletin elf Liri Maltin (LM2,346,000) bilanc ghad-debitu fil-kontijiet tal-loan, overdraft u current account tal-istess socjetá Sea Malta Company Limited mal-Bank imsemmi flimkien mal-imghaxijiet ulterjuri mill-11 t'April 2006 sal-jum tal-pagament effettiv. Skont l-istess Bank dan il-kreditu huwa munit permezz ta' ipoteki navali datati 28 t'Ottubru 1988 u 16 ta' Dicembru 1998 fuq il-vapur MV Zebbug kif jirrizulta mill-iskritturi markati bhala Dok.E, Dok. F, u Dok. G a` fol 51, 60 u 66 rispettivament;

Rat id-digriet moghti fil-5 ta' Mejju 2015 (a` fol 977) permezz ta' liema din il-Qorti laqghet it-talba maghmula mill-Ministru tal-Finanzi permezz ta' rikors prezentat fid-29 ta' April 2015 (a` fol 976) sabiex jassumi l-atti tal-kawza de quo minflok is-socjetá Bank of Valletta p.l.c.;

Rat ir-rikors prezentat fit-13 ta' Frar 2007 mill-**Awtoritá Marittima ta' Malta** (a` fol 69) permezz ta' liema talbet li tithalla tikkonkorri ghas-somma komplessiva ta' tlett mija u erba' t'elef mija u tnejn u hamsin lira Maltija u sbatax -il centezmu (LM304,152.17) b'rizerva ghal imghaxxijiet dovuti u spejjez gudizzjarji relattivi. Din is-somma tikkonsisti fis-segwenti:

- LM63,192.82 f'port dues

- LM30,326.89 f’pilotage dues li jingabru mill-istess Awtoritá ghan-nom tal-Malta Maritime Pilots Co-Operative Society Limited u liema somom gja thallsu lill-istess ko-operattiva

- LM210,572.48 f’port workers dues li jingabru mill-istess Awtoritá u liema somom gia thallsu lis-sezzjoni tal-Port Workers li jahdmu fi hdanha

- LM59.98 f’mooring services

Rat ir-rikors prezentat fid-19 ta’ Frar 2007 minn **Dr. Andrew Chetcuti Ganado u John Abela fil-kwalitá taghhom bhala likwidaturi tas-socjetá Sea Malta Company Limited in Stralc** (a` fol 71) permezz ta’ liema talbu li jithallew jikkonkorru ghas-segwenti spejjez:

- LM1,293 f’registrazzjoni tal-vapur ghas-sena 2006 lir-Registratur tal-Vapuri liema kreditur huwa, skont l-istess likwidaturi, privileggjat ai termini tal-Artikolu 50(b) tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili (MSA);

- LM27,552.22 salarji tal-ghassiesa wara l-ahhar dahla fil-port liema kreditu huwa, skont l-istess likwidaturi, privileggjat ai termini tal-artikolu 50(g) tal-MSA;

- LM22,349 spejjez ta’ inspections u z-zamma ta’ Class Certificates tal-Vapur liema kreditu huwa, skont l-istess likwidaturi, privileggjat ai termini tal-artikolu 50(g) tal-MSA;

- LM2,094.84 spejjez ghal preservazzjoni tal-vapur (supplies) liema kreditu huwa, skont l-istess likwidaturi, privileggjat ai termini tal-Art. 50 (g) tal-MSA

- LM16,280 spejjez ghal preservazzjoni tal-vapur (berthing u kont tal-elettriku) liema kreditu huwa, skont l-istess likwidaturi, privileggjat ai termini tal-Artikolu 50(g) tal-MSA;

Rat ir-rikors prezentat mis-socjetá **Focal Maritime Services Company** Limited fit-22 ta' Frar 2007 (a` fol 73) permezz ta' liema talbu li jithallew jikkonkorru ghas-somma hemm pretiza fl-ammont ta' LM962.44 skont prospett anness u mmarkat Dok. A a` fol 74. Skont l-istess socjetá dan l-ammont ghandu jipregradwa ai termini l-artikolu 302 tal-Att dwar il-Kumpanniji, Kap.386 tal-Ligijiet ta' Malta (ara nota ta' sottomissjonijiet a` fol 454);

Rat il-verbal tas-smigh tal-konkors tad-29 ta' Marzu 2007 (a` fol 75) li fih, inter alia, l-Qorti ddikjarat li ghall-finijiet tal-artikoli 416 u 420 tal-Kodici tal-Procedura, l-konkorrenti ammessi huma s-segwenti:

1. Malta Shipyards Ltd;

2. Carmel u Eucharistica Azzopardi li m'ghadhomx iktar jikkonkorru wara li permezz ta' nota prezentata fil-5 ta' Marzu 2008 cedew il-proceduri numru 518/2006 "stante transazzjoni u pagament a saldu";

3. Il-hamsa u erbghin ekwipagg tal-Bastiment, id-drittijiet u l-pretensjonijiet, li kif inghad aktar 'l fuq dawn gew assunti mill-Ministru tal-Finanzi in forza tal-imsemmija digrieti kollha datati 18 ta' Jannar, 2018 (minn a` fol 1257 sa fol 1301);

4. Bank of Valletta plc liema drittijiet u pretensjonijiet gew assunti mill-Ministru tal-Finanzi in forza tad-digriet imsemmi moghti fil-5 ta' Mejju 2015 (a` fol 977);

5. L-Awtoritá Marittima ta' Malta;

6. Il-likwidaturi Dr. Andrew Chetcuti Ganado u John Abela;

7. Is-socjetá Focal Maritime Services Ltd;

Rat in-nomina ta' Dr. Joseph M. Buttigieg bhala Perit Gudizzjarju maghmula fl-istess verbal tad-29 ta' Marzu 2007, sabiex ihejji gradwazzjoni tal-krediti;

Rat ir-rikors tal-Kummissarju tat-Taxxa a` fol 418 u d-digriet li cahad l-istess rikors a` fol 421 peress li ghalaq iz-zmien imsemmi fl-artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-provi tal-konkorrenti li ngabru mill-Perit Legali;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet u r-repliki li gew prezentati mill-kredituri;

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr. Joseph M. Buttigieg prezentat fit-12 ta' Jannar 2010;

Rat ir-risposti in eskussjoni tal-Perit Legali Dr. Joseph M. Buttigieg;

Rat in-Nota prezentata mill-istralcarji ta' Sea Malta Company Limited, l-Awditur John Abela u Dr. Andrew Chetcuti Ganado fl-10 ta' Marzu, 2014 (a` fol 982) u t-twegiba tal-istess stralcjarji tal-21 ta' April, 2014 (a` fol 988) li biha infurmaw lill-Qorti li l-bahhara tal-ekwipagg, id-drittijiet u l-pretensjonijiet ta' liema huma issa assunti mill-Ministru tal-Finanzi, gja' gew pregradwati fil-kreditu taghhom in forza tas-Sentenza, li ghadha fi stadju ta' Appell, moghtijia min din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Frar 2014 fil-konkors tal-kredituri wara l-bejgh tal-bastiment MV Maltese Falcon (rikors numru 695/2006);

Rat l-Atti kollha tal-Konkors.

**Punti ta' Fatti**

**1.** Dan huwa konkors mibdi minn kreditur ta' bastiment bl-isem ZEBBUG dwar somma li tqeghdet b'depozitu taht l-awtoritá tal-Qorti wara l-bejgh b'irkant gudizzjarju tal-istess bastiment.

**2.** Ir-rikorrenti Malta Shipyards Limited kienet prezentat rikors fid-19 ta' Ottubru 2006 (a` fol 9) sabiex tithalla tisbanka LM372,293.79 mis-somma hekk depozitata permezz ta' cedola ta' depozitu numru 923/2006 fl-ismijiet Malta Shipyards Limited vs Il-Bastiment ZEBBUG (ara kopja a` fol 3) bi hlas ta' kreditu li hija tghid li ghandha kontra l-bastiment. Il-Qorti Civili, wara li rat ir-risposta tas-Socjeta Bank of

Valletta Plc datata 17 ta' Ottubru 2006, iddegretat dan ir-rikors billi ordnat "lis-socjetá rikorrenti tipprocedi skont il-ligi" (ara kopja tad-digriet a` fol 11).

**3.** Permezz ta' rikors ipprezentat fit-28 ta' Novembru 2006 (a` fol 1), is-socjetá Malta Shipyards Limited talbet lil din il-Qorti tordna l-ftuh tal-konkors tal-kredituri fuq is-somma hekk depozitata permezz tac-cedola msemmija u dan skont kif jitlob l-artikolu 416 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Ir-raguni wara din it-talba fir-rikors imsemmi hija li "minhabba li kredituri ohrajn, li qeghdin jikkonkorru ghall-istess somma, irregistraw l-oppozizzjoni taghhom ghall-izbank mitlub, it-talba tal-esponenti [ghall-izbank ta' LM372,293.79 mis-somma depozitata] ma setghetx tigi milqugha."

**4.** Il-Qorti appuntat dan il-konkors ghas-smiegh fid-29 ta' Marzu 2007 (ara digriet a` fol 12) u dan fit-termini ta' dak li jitlob l-artiklu fuq imsemmi tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

**5.** Permezz tal-verbal datat 29 ta' Marzu 2007, il-Qorti ddikjarat li ghall-finijiet tal-artikolu 416 u 420 paragrafu 1 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, il-"konkorrenti illi ressqu l-pretensjonijiet taghhom fi zmien moghti mil-ligi huma s-segwenti:- 1) Malta Shipyards ltd, 2) Carmel u Eucharistica Azzopardi, 3) Emanuele Azzopardi et (l-ekwipagg tal-Bastiment); 4) Bank of Valletta plc; 5)Awtoritá Marittima Maltija; 6) Dr. Andrew Chetcuti Ganado u John Abela likwidaturi; 7) is-socjetá Focal Maritime Services Ltd."

**6.** Fl-istess verbal il-Qorti hatret "bhala Perit Gudizzjarju lil Dr. Joseph M. Buttigieg biex jigbor il-provi kollha dwar ir-rispettivi pretensjonijiet tal-konkorrenti u jipproponi pjan ta' gradwazzjoni tar-rispettivi krediti".

**7.** Fil-verbal tas-seduta mizmuma quddiem il-Perit Legali (a` fol 642) gie dikjarat mid-difensur legali tal-konjugi Azzopardi li dawn ma ghadhomx jikkonkorru billi l-kawza taghhom giet ceduta fil-konfront tas-Sea Malta stante ftehim. Giet prezentata wkoll kopja ta' tali Nota a` fol 1256.

**<u>Punti ta' Ligi</u>**

**8.** Din il-kawza hija mibnija fuq il-procedura partikolari maghrufa bhala dik tal-Konkors tal-Kredituri kif kontemplata fl-Artikoli 416 sa 435 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

**9.** Fis-sentenza **Lombard Bank plc vs Allegro Andante Limited et** moghtija fit-28 ta' Settembru 2012 il-Qorti tal-Appell insenjat dan li gej fuq din il-procedura:

*"Illi fl-imsemmi* ***Artikolu 416 tal-Kap. 12*** *ssir riferenza ghal konkors ta' kredituri fuq flus li kienu depositati l-Qorti tant li l-istess dispozizzjoni tipprovdi testwalment li:-*

*"Meta l-qrati superjuri jew fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-kompetenza taghha superjuri, ikunu gew iddepositati flus illi fuqhom*

*izjed minn zewgt persuni jippretendu jeddijiet aqwa minn haddiehor jew qabilhom, jew xi interess iehor, il-qorti fuq rikors ta' wiehed minn dawk il-pretendendi, tordna bil-mezz tar-registratur,li f'gazzetta wahda jew izjed, fosthom f'kull kaz il-Gazzetta tal-Gvern, jigi mahrug avviz li jgharraf b'dak id-depositu u b'dawk il-pretensjonijiet fuqu u illi jsejjah lil kull min jista' jkollu interess sabiex igib 'il-quddiem il-jeddijiet tieghu fi zmien xahar; u meta jaqghlaq dak iz-zmien ebda persuna, illi ma tkunx dehret f'dak iz-zmien, ma tista' twaqqaf jew xort'ohra zzomm il-kawza ta' konkors milli tigi deciza bejn dawk li jkun dehru".*

*Illi minn din id-dispozizzjoni jirrizulta li l-Ligi qed tezigi sabiex ikun hemm ftuh ta' konkors ta' kredituri li jkun hemm (a) diversi kredituri li qed jippretendu li ghandhom jithallsu mis-somma depozitata attwalment il-Qorti ("iddepositati flus"); (b) li d-decizjoni dwar il-konkors tal-kredituri tittiehed wara li tkun ezawrita l-procedura kollha, tant li l-istess procedura hija kkunsidrata bhala kawza u dan anke kif jghidu specifikatament l-**Artikoli 417 u 420 tal-Kap. 12.***

*Dan ifisser li tali procedura jrid necessarjament ikollha bhala element taghha prezenti l-ammont ta' flus depozitati l-Qorti (dan anke kif imsemmi wkoll fl-**Artikolu 418 tal-Kap. 12)** u allura f'dan il-kuntest it-talba ghal kompensazzjoni ma tistax tigi milqugha waqt li tkun ghada ghaddejja l-istess procedura, inkluz dik tpacija parzjali, u dan ghaliex il-kawzali tal-kawza ta' konkors ta' kredituri hija proprju sabiex flejjes li*

*huma depozitati l-Qorti jigu distribwiti skont is-sentenza finali li tinghata sabiex tiddetermina tali kawza.*

*Inoltre, tenut kont tal-fatt li, kif inghad, tali procedura hija kawza ghal finijiet u effetti kollha tal-ligi, isegwi li din tista' tigi determinata biss wara l-gheluq tal-proceduri kollha u s-smiegh tal-partijiet interessati kollha u dan permezz ta' sentenza. Hija tali sentenza li taghlaq il-konkors tal-kredituri, b'dan li bhal f'kull kawza ohra, it-talba tal-gradwazzjoni tal-kontendenti u pretentendi f'dan il-kaz ma tistax issir b'digriet waqt l-istess proceduri, izda biss b'sentenza finali.*"

**Konsiderazzjonijiet**

**10.** Fir-rapport redatt minnu (a` fol 515), l-Perit Legali ghamel referenza ghall-provi akkwiziti li abbazi taghhom, kif ukoll tas-sottomissjonijiet u repliki bil-miktub li saru mil-likwidaturi ta' Sea Malta Company Ltd (a` fol 444, 450 u 490), mis-socjetá Focal Maritime Services (a` fol 454), mill-Awtoritá Marittima ta' Malta (a` fol 457 u 508), mis-socjetá Bank of Valletta plc (a` fol 484) u mill-hamsa u erbghin membru tal-ekwipagg (a` fol 948 u 958), ippropona l-gradwazzjoni tal-krediti wara illi ta l-kunsiderazzjonijiet tieghu. Ir-relazzjoni peritali fl-assjem taghha tikkostitwixxi prova.

**11.** Skont il-perit legali, il-pregradwazzjoni tal-krediti ghandha tkun is-segwenti:

Fl-ewwel grad, is-socjetá Malta Shipyards Limited fir-rigward tal-ispejjez tal-bastiment, l-ispejjez ghall-qsim tal-prezz u l-ispejjez gudzzjarji kollha tal-partecipanti f'dan il-konkors.

Fit-tieni grad, il-likwidaturi in surroga tar-Registratur tal-Bastimenti.

Fit-tielet grad, l-Awtoritá Marittima fir-rigward tal-Port Dues sal-4 ta' Ottubru 2005, pilotage dues sal-4 ta' Ottubru 2005 u Mooring services qabel l-4 ta' Ottubru 2005 kif ukoll il-likwidaturi fir-rigwards tal-class inspection and certification costs qabel l-4 ta' Ottubru 2005.

Fir-raba' grad, il-kreditu tas-socjetá Malta Shipyards Limited sat-22 ta' Jannar 2006 kif kopert mill-plegg possessorju.

Fil-hames grad, l-Awtoritá Marittima ta' Malta fir-rigward tal-port dues, pilotage dues u mooring services wara l-4 ta' Ottubru 2005, il-kreditu tas-socjetá Malta Shipyards fir-rigward ta' spejjez ta' provisti, l-kreditu tal-likwidaturi fir-rigward ta' spejjez ghal preservazzjoni tal-bastiment, class inspection & certification u insurance premiums, il-krediti tal-ekwipagg tal-M.V. Zebbug u l-kreditu tal-likwidaturi rigward hlasijiet lill-crew bejn Jannar u Settembru 2006.

Fis-sitt grad, il-Bank of Valletta plc fir-rigward tal-krediti muniti b'ipoteki navali.

Fis-seba grad, il-kreditu tas-socjetá Malta Shipyards Ltd fir-rigward ta' shore riggers u berthing charges, il-kreditu tal-Awtoritá Marittima ta' Malta fir-rigward tal-Port Workers dues, u l-kreditu tas-socjetá Focal

Maritime Services Co. Ltd fir-rigward tal-invoices varji prezentati minnha.

**12.** Il-Qorti ezaminat l-atti tal-kawza, ir-rapport tal-abbli perit legali kif ukoll id-domandi li sarulu in eskussjoni u t-twegibiet tieghu (a` fol 930 u 938). Il-Qorti kellha ukoll opportunita' li tifli n-noti studjati ta' sottomissjonijiet rispettivi tal-partijiet ghall-konkors odjern. Il-Qorti tinnota pero` l-mod akkurat, sostnut minn taghlim gurisprudenzjali u osservazzjonijiet legali, li bih il-Perit legali wasal ghall-konkluzjonijiet tieghu fuq il-fatti u provi li kellu quddiemu. Ghalhekk, meta qieset il-fatturi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-fehma li ma ghandhiex ghalfejn titbieghed mill-konkluzjonijiet li wasal ghalihom il-Perit legali rigwardanti l-gradwazzjoni tad-diversi krediti in konkorrenza.

**13.** Il-Qorti qieset ukoll l-oggezzjoni procedurali mqajma mill-hamsa u erbghin membru tal-ekwipagg li s-Socjetá Malta Shipyards hija prekluza milli tikkonkorri ghaliex, minkejja li l-proceduri odjerni inbdew minnha stess, ma prezentatx rikors ai termini tal-artikolu 418 tal-Kodici Civili sabiex il-kreditu tieghu jigi gradwat.

**14.** Il-Qorti ammettiet lis-Socjeta' imsemmija permezz ta' digriet li nghata fis-seduta tad-29 ta' Marzu 2007. Digriet li b'ebda mod ma gie attakkat. Di fatti wara l-udjenza msemmija kien hemm diversi seduti u f'ebda hin ma saret imqar referenza ghad-digriet tad-29 ta' Marzu 2007 fuq imsemmi, ghalkemm li f'xi stadju tqajmet quddiem il-Perit legali u anke issemmiet f'wahda min-noti ta' sottomissjonijiet tal-ekwipagg.

**15.** Il-Qorti ma tistax ma tinnotax li min kellu jkun eskluz mill-konkorrenza gie dikjarat fi stadju bikri tal-Kawza, bhal ma kien il-kaz tal-Kummissarju tat-Taxxi f'dawn l-istess proceduri kif fuq diga` senjalat (ara a` fol 418). Ghalhekk il-Qorti anke hawn taqbel mal-konkluzjonijiet raggunti mill-Perit legali fir-rapport tieghu sa fejn jirrigwarda l-punt inkwistjoni (ara fol 530).

**16.** Sa fejn jirrigwarda l-kreditu tal-ekwipagg, il-Qorti ezaminat kemm dak li wassal lill-Perit legali ghall-konkluzjonijiet tieghu u kif ukoll taz-zewg noti ta' osservazzjonijiet tal-ekwippagg (a` fol 945). Hadet ukoll kont tat-twegibiet tal-Perit legali in eskussjoni, fejn in sostenn tal-konkluzjonijiet tieghu fuq dan il-punt partikulari, kompla jaghti b'mod car, spjegazzjoni tal-konkluzjonijiet minnu raggunti fuq din il-kwistjoni. Il-Qorti taqbel ma' dak raggunt bhala konkluzjoni mill-Perit legali fir-rapport tieghu. Dan ifisser, li inkwantu l-Ministeru tal-Finanzi, kif surrogat fid-drittijiet u pretensjonijiet tal-ekwipagg, ghandu dritt jippartecipa fil-konkors, safejn assuma l-atti ta' din il-kawza kwantu jirrigwarda tali drittijiet u pretensjonijiet pretizi mill-membri tal-ekwipagg, limitatament ghal dawk il-persuni li isimhom huwa indikat fit-tabella riportata fir-rapport peritali (a` fol 548) u kif riflessa fid-dokument highlighted bl-orangjo f'dokument JB1 (a` fol 683).

**17.** Jinghad ukoll illi sa fejn jirrigwarda l-pretensjonijiet tal-ekwipagg (illum appartenenti lill-Ministru tal-Finanzi bis-sahha tal-assunzjoni tal-atti fuq imsemmija) jekk **l-istess kreditu** li qed jirriklamaw f'dawn il-

proceduri, jigi sodisfatt in forza tal-konkors tal-kredituri iehor wara l-bejgh tal-bastiment MV Maltese Falcon (rikors guramentat numru 695/2006) li jinstab fi stadju ta' Appell, il-Ministru tal-Finanzi ma jkun jista' jesigi ebda hlas abbazi tal-konkors odjern.

**18.** Fl-ahhar nett issir referenza ghad-digriet moghti fil-5 ta' Mejju 2015 (a` fol 977) li permezz tieghu din il-Qorti laqghet it-talba maghmula mill-Ministru tal-Finanzi permezz ta' rikors prezentat fid-29 ta' April 2015 (a` fol 976) sabiex jassumi l-atti tal-kawza de quo minflok is-socjetá Bank of Valletta p.l.c.. Ghalhekk il-Ministru tal-Finanzi sa fejn jirrigwarda l-kreditu tal-Bank inkwistjoni ghandu jigradwa skont ir-rapport u konkluzjonijiet peritali fuq imsemmija.

**19.** Dwar kull imghax li seta' iddekorra fuq is-sommom li jispettaw lil kull wiehed mill-konkorrenti, dan jimxi u jingema' mad-dejn ewlieni una volta huwa sekondarju u accessorju ghall-istess (ara fost ohrajn **Torrente Manuale di Diritto Privato [ 9 Ediz] , para 228 , pg 391**).

**<u>Decide</u>**

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qieghda taqta' u tiddeciedi dan il-procediment billi:

**Tadotta** u taghmel taghha l-pregradwazzjoni tal-jeddijiet ta' kull konkorrent kif proposta mill-perit legali u dan skont it-tabella tal-gradwatorja fir-rapport peritali li tinsab f'pagna 595 tal-process intestata bhala "Riassunt".

**Tordna** ghalhekk li l-jeddijiet ossia krediti tal-konkorrenti f'din il-kawza ghandhom jippregradwaw skont l-imsemmi rapport. Kull kreditu jithallas bl-imghaxijiet skont il-ligi jew kif indikat fir-rapport peritali fuq imsemmi.

Sa fejn jirrigwarda l-jeddijiet tal-ekwipagg (illum appartenenti lill-Ministru tal-Finanzi bis-sahha tal-assunzjoni tal-atti fuq imsemmija) dawn huma soggetti ghal dak li jinghad f'paragrafu enumerat bin-numru 17 ta' din id-decizjoni.

**Tiddikjara**, li minn dak li jirrisulta lil din il-Qorti, l-ammont ta` sitt mija u ghaxart elef liri Maltin (LM610,000) ekwivalenti ghal miljun erbgha mija u ghoxrin elf u disgha mija u sbatax-il Ewro (€1,420,917) depozitati taht l-Awtoritá tal-Qorti fic-Cedola ta' Depozitu numru 93/2006 fl-ismijiet Malta Shipyards Limited vs il-Bastiment Zebbug mhux ser ikun bizzejjed biex ikunu sodisfatti l-kredituri konkorrenti kollha.

Fic-cirkostanzi, spejjes tal-proceduri odjerni jibqghu minghajr taxxa.

**Imhallef Toni Abela**

**Deputat Registratur**